



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14554/18

DEVGEN 221
COHAFA 105
ACP 122
RELEX 992
SUSTDEV 17
ALIM 13
AGRI 576
FAO 50
SAN 418

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Novembru 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.	14283/18
Suġġett:	Tisħiħ tas-sigurtà globali tal-ikel u n-nutrizzjoni - Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Novembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà globali tal-ikel u n-nutrizzjoni, kif adottati mill-Kunsill fit-3654 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Novembru 2018.

Tisħiħ tas-sigurtà globali tal-ikel u n-nutrizzjoni
Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-insigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni tikkostitwixxi sfidi globali kbar fil-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanza li qed tikber, il-Kunsill ifakkar fl-impenn b'saħħtu tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jtemmu l-ġuħ u kull forma ta' nuqqas ta' nutrizzjoni, f'konformità mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, il-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja, l-Aġenda 2030 u r-realizzazzjoni tad-dritt għall-ikel.
2. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet rilevanti preċedenti tiegħu¹ u jilqa' t-Tielet rapport biennali dwar l-implimentazzjoni tal-impenji tal-politika tal-UE dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni kif ukoll it-Tielet rapport ta' progress dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar in-Nutrizzjoni.
3. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni li twettaq l-impenji tal-UE dwar in-nutrizzjoni, kif ukoll l-isforzi tagħha li timmobilizza s-setturi rilevanti kollha biex tappoġġa l-aġenda dwar in-nutrizzjoni fil-livell globali u f'dak tal-pajjiżi sħab. B'mod partikolari, il-Kunsill jilqa' l-progress li sar biex jitwettaq l-impenn finanzjarju tal-UE li tinvesti EUR 3.5 biljun f'nutrizzjoni bejn l-2014 u l-2020, b'aktar minn EUR 2.49 biljun diġà ġew allokat i għal programmi ta' nutrizzjoni bejn l-2014 u l-2017.
4. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma konġunta tal-UE u l-Istati Membri tagħha, li turi l-impatt tagħhom biex isawru u jmexxu 'l quddiem l-aġenda globali dwar is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. Flimkien, l-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw lill-pajjiżi sħab u lill-partijiet ikkonċernati lokali, nazzjonali kif ukoll reġjonali sabiex jibnu għajxien reżiljenti, isaħħu s-sistemi tal-ikel lokali f'żoni fejn hemm insigurtà tal-ikel, u jtejbu l-eżiti nutrizzjonali. Dawn l-azzjonijiet huma essenzjali mhux biss biex jinkiseb l-SDG2 iżda wkoll biex titwettaq l-Aġenda 2030 fl-intier tagħha. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' Għaxar Snin ta' Azzjoni tan-NU dwar in-Nutrizzjoni (2016-2025).

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni (10392/16); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tieni Rapport ta' Progress rigward il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni (10679/17).

5. Filwaqt li jirrikonoxxi li xi pajjiżi qed ikomplu jagħmlu progress tajjeb biex jindirizzaw l-insigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u n-nuqqas ta' nutrizzjoni kroniku tat-tfal, il-Kunsill jinsab estremament imħasseb li wara li l-ġuħ globali għamel għexieren ta' snin jonqos, f'dawn l-aħħar tliet snin qed jerġa' jiżdied, bi 821 miljun persuna li qed isofru mill-ġuħ u n-nuqqas ta' nutrizzjoni. Sadanittant, huwa stmat li 151 miljun (jew 22%) tifel u tifla taħt il-ħames snin għadhom qed isofru minn nuqqas ta' żvilupp. Fl-2017, 124 miljun persuna minn 51 pajjiż differenti ħabbtu wiċċhom ma' livelli ta' kriżi ta' insigurtà tal-ikel akuta, fejn kienet meħtieġa azzjoni urġenti - żieda ta' 11% meta mqabbel mal-2016.
6. Filwaqt li jirrikonoxxi li mad-dinja kollha persuna minn kull tlieta ssofri minn nuqqas ta' nutrizzjoni, il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi akkumpanjata t-transizzjoni lejn sistemi agroalimentari sostenibbli li jissalvagwardjaw is-saħħa tan-nies. Hekk kif it-tibdil fil-klima u l-kunflitti armati qed iħallu dejjem impatt akbar u r-riżorsi fuq l-art u dawk naturali qed jaffaċċjaw pressjonijiet dejjem jiżdiedu, l-abbiltà tas-sistemi agroalimentari li jikkontribwixxu b'mod sostenibbli għal dieti siguri, sani u nutrittivi għall-popolazzjonijiet li qed jiżdiedu malajr ser tkun ikkontestata b'mod sinifikanti. L-agglomerazzjonijiet urbani qed isiru dejjem aktar vulnerabbli, fejn ir-rati tat-tkabbir ta' agglomerazzjonijiet urbani Afrikani huma l-ogħla fid-dinja, u dan parzjalment minħabba l-faqar rurali. It-tiġdid tal-momentum u l-mobilizzazzjoni tal-komunità internazzjonali ser ikunu imperattivi biex jinkiseb "ġuħ zero" u biex jintemm in-nuqqas ta' nutrizzjoni fil-forom kollha tiegħu sal-2030 (SDG2).
7. Il-Kunsill jinnota xejriet dijetetiċi globali inkwetanti u f'dan il-kuntest il-problema li sejra għall-aġar tal-piż żejjed u l-obeżità, b'672 miljun persuna li huma obeżi u 1.3 biljun persuna għandhom piż żejjed. F'ħafna pajjiżi fejn hemm insigurtà tal-ikel, il-piż żejjed u l-obeżità jikkoeżistu ma' denutrizzjoni u ma' forom oħra ta' nuqqas ta' nutrizzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġaw sistemi tal-ikel li jiżguraw sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni sostenibbli għal kulħadd, inkluż permezz ta' involviment fit-tħejjija tal-Linji Gwida Volontarji dwar is-Sistemi tal-Ikel u n-Nutrizzjoni mill-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija (CFS).

8. Filwaqt li jirrikonoxxi r-riżultati miksuba mill-UE u mill-Istati Membri tagħha fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet taż-żewġ rapporti, b'mod partikolari:

- a. Tizzied l-azzjoni konġunta tal-UE u tal-Istati Membri dwar il-ġlieda kontra l-impatt gravi tat-tibdil fil-klima fuq l-agrikoltura u l-provvista tal-ikel globali.** L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jaħdmu b'mod aktar proattiva fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-promozzjoni ta' agrikoltura sensittiva għall-klima, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol importanti tal-prattiki agrikoli fl-adattament għat-tibdil tal-klima u t-tgħaffija tiegħu, kif previst fil-Ħidma Konġunta ta' Koronivia dwar l-Agrikoltura u kif muri b'impjenji rilevanti oħra biex jiġu appoġġati pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jiksibu r-riżultati rigward il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) tagħhom. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu protetti l-bijodiversità u l-ekosistemi kif ukoll li jiġu miġġielda d-degradazzjoni tal-art u d-deżertifikazzjoni.
- b. Jiġi rikonoxxut ir-rwol kritiku li għandhom in-nisa tul il-katini ta' valur agroalimentari kollha, fil-ġestjoni tar-riżorsi naturali u biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni.** Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-iżvilupp ta' katini ta' valur skont il-ġeneru jirċievi l-attenzjoni meħtieġa, f'konformità mal-acquis tal-UE, inkluż il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II (GAP II). L-użu ta' rappurtar diżaggregat skont is-sessi għandu jiżdied sabiex jiġu inklużi aħjar il-kontribuzzjonijiet tan-nisa u sabiex jitkejlu aħjar l-isforzi biex in-nisa jintlaħqu, jibbenefikaw u jingħataw is-setgħat. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-ħidma mwettqa fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja sabiex jitwettqu l-impjenji tal-UE dwar in-nutrizzjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill jirrikonoxxi li żvilupp sostenibbli u inklużiv jirrikjedi li l-forom kollha ta' nuqqas ta' nutrizzjoni u inugwaljanzi bejn is-sessi, inkluż il-vulnerabbiltajiet speċifiċi tan-nisa u l-bniet fi żminijiet ta' kriżi u emerġenzi, jenħtieġ jiġu indirizzati sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-investimenti fl-intier tagħhom. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jibqgħu jsiru l-isforzi mmirati li jsaħħu l-mekkaniżmi tal-protezzjoni soċjali għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni.

- c. **Tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha fir-rigward tar-reżiljenza klimatika, is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni ta' żvilupp intelliġenti fl-agrikoltura għal trasformazzjoni rurali sostenibbli, bi tkompli fuq l-impenji tas-Summit Pjaneta Waħda.** Għandha tingħata attenzjoni speċifika għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni agrikoli nazzjonali u reġjonali u għall-promozzjoni ta' sħubiji bejn diversi partijiet ikkonċernati għal impatt imtejjeb u fuq perijodu twil, bħall-Innovazzjoni ta' Żvilupp Intelliġenti permezz tar-Riċerka fl-Agricoltura (DeSIRA).
- d. **Ikompli jiġi segwit approċċ strateġiku għall-kriżijiet tal-ikel u n-nuqqas ta' nutrizzjoni fir-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi, b'mod li jipprevjeni l-kunflitti u li huwa sensittiv għall-kunflitti,** peress li falliment fit-tnaqqis tal-ġuħ dinji huwa assoċjat mill-qrib maż-żieda fil-kunflitti u l-vjolenza f'diversi partijiet tad-dinja. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma mħeġġa jtejbu l-appoġġ għan-Netzwerk Globali kontra l-Kriżijiet tal-Ikel, bil-għan li jitjiebu l-analiżi konġunti u r-risponsi kkoordinati, u biex iġeddu l-impenn tagħhom lejn l-aġenziji rilevanti tan-NU, inkluż l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO), il-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikolu (IFAD) u l-Programm Dinji tal-Ikel (WFP). Barra minn hekk, biex jiġu evitati aħjar il-karestiji u jiġu indirizzati l-kawżi strutturali tal-insigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jsaħħu r-reżiljenza tal-pajjiżi l-aktar vulnerabbli f'konformità mal-Istrateġija Globali tal-UE. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-rabtiet bejn il-kunflitt armat, l-insigurtà tal-ikel u t-theddida ta' karestija, u li l-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom li jtejbu l-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2417. Barra minn hekk, il-Kunsill jieħu nota tal-ħtieġa li jiġu promossi politiki u programmi umanitarji u tal-iżvilupp koerenti u koordinati tajjeb biex jiġu indirizzati l-insigurtà tal-ikel u n-nuqqas ta' nutrizzjoni, biex jiġu salvati l-ħajjiet u tinbena r-reżiljenza.

e. **Tissaħħaħ ir-rabta bejn il-bdiewa fuq skala żgħira u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u jsir investiment speċifikament fil-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg f'żoni rurali**, speċjalment għaż-żgħażaġh u n-nisa, sabiex jiġi promoss it-tkabbir inklużiv u sostenibbli f'katini ta' valur agrikoli, b'kont meħud tal-importanza tal-promozzjoni tal-kummerċ agrikolu reġjonali biex jitnaqqas il-faqar estrem. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza r-rilevanza tal-inizjattiva tal-Kummissjoni għal Alleanza Afrika-Ewropa għall-Investment u għall-Impjieg Sostenibbli u li jiżdiedu s-sħubiji permezz tal-Pjan ta' Investment Estern u l-Fond Fiduċjarju għall-Afrika, inkluż għall-iżvilupp tas-settur agrikolu, b'kont meħud tal-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat. Sħubiji bħal dawn għandhom ikunu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa fuq skala żgħira u l-SMEs, jaderixxu mal-Prinċipji għal Investment Responsabbli fl-Agrikoltura u s-Sistemi tal-Ikel kif ukoll ikomplu jimplimentaw il-Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti fil-Kuntest tas-Sigurtà Alimentari Nazzjonali, it-tnejn approvati mill-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija (CFS). Barra minn hekk, il-Kunsill qed jistenna b'interess ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni bit-titlu "Task Force għall-Afrika Rurali - it-tisħiħ tas-sħubija tagħna fl-ikel u l-biedja".

9. Il-Kunsill jinnota li sal-2025, fil-pajjiżi li l-Kummissjoni ddefiniet bħala prijoritarji fir-rigward tan-nutrizzjoni, 4.7 miljun tifel u tifla ser ikunu evitaw in-nuqqas ta' żvilupp. Dan huwa aktar mid-doppju ta' ċifra ta' 2 miljuni tas-sena l-oħra, u jirrappreżenta progress li ta' min ifaħħru fl-appoġġ tal-pajjiżi sħab biex jiksbu l-oġettiv li jitnaqqas in-nuqqas ta' żvilupp b'mill-anqas 7 miljuni sal-2025. Madankollu, il-Kunsill huwa estremament imħasseb li r-ritmu attwali tat-tnaqqis tan-nuqqas ta' żvilupp xorta mhux ser ikun suffiċjenti biex jintlaħqu l-oġettivi globali tat-tnaqqis tan-nuqqas ta' żvilupp sal-2025², u għalhekk il-kisba tal-SDGs hija pperikolata F'dan il-kuntest, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżid b'mod sostanzjali l-isforzi biex tindirizza n-nuqqas ta' nutrizzjoni fil-forom kollha tiegħu (in-nuqqas ta' żvilupp, il-ħela, id-defiċjenza fil-mikronutrijenti u l-piż żejjed), b'mod konġunt mal-Istati Membri.

² L-ewwel waħda mill-miri tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa hija tnaqqis ta' 40 % fin-numru globali ta' tfal taħt il-ħames snin li jbatu minn nuqqas ta' żvilupp. Dan jimplika tnaqqis globali ta' madwar 70 miljun tifel u tifla li jbatu minn nuqqas ta' żvilupp (minn 171 miljun fl-2010 għal madwar 103 miljuni fl-2025).

10. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli bir-rwol attiv tagħha fil-livell globali li żżomm is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni fuq nett tal-aġenda tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE. Il-Kunsill jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jikkontribwixxu b'mod kollettiv biex tingħata spinta lis-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, permezz ta' approċċ b'diversi setturi u b'diversi partijiet ikkonċernati, li jintegra n-nutrizzjoni f'setturi differenti, bħall-agrikoltura, il-protezzjoni soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-ilma, is-sanitazzjoni u l-igijene, fost l-oħrajn. L-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ għalhekk ikomplu jaħdmu flimkien, inkluż permezz tal-promozzjoni ulterjuri ta' pprogrammar konġunt u oqfsa ta' riżultati konġunti fil-livell tal-pajjiż, kif ukoll ma' sħab, sabiex jitjiebu l-koerenza u l-effettività tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Għal dak il-għan, il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll lill-pajjiżi sħab biex jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji nazzjonali tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha.
11. Fid-dawl ta' sfidi globali persistenti u emerġenti, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi reviżjoni tal-qafas ta' politika tal-2010 dwar is-sigurtà tal-ikel u l-qafas ta' politika tal-2013 dwar in-nutrizzjoni, sabiex tonora l-impenji tagħha fir-rigward tan-nutrizzjoni u timplimenta approċċ tal-UE olistiku.
12. Mingħajr preġudizzju għan-negozjati tal-QFP li għaddejjin, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u mill-komunità internazzjonali biex tiġi indirizzata b'mod effettiv is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni sabiex jinkiseb l-SDG2 u b'hekk titreġġa' lura x-xejra negattiva attwali.
13. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrappurtaw b'mod speċifiku dwar is-segwitu għal dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill fir-rapport biennali li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-impenji tal-politika tal-UE dwar is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni.